**GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA, 16 TA' NOVEMBRU, 2001**

*Avviz. Nru 1114/01 AJD*

Dingli Co. International bhala mandatrici tas-socjeta' estera ta' The Performing Right Society Limited ta' Londra

vs

Joseph Debattista

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta' Ottubru, 2001, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici hlas ta' Royalty fl-ammont ta' sittax il-lira Maltin u tmenin centezmu (Lm16.80), kwantu ghal erbatax il-lira Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm14.61) Royalty u zewg liri Maltin u dsatax il-centezmu (Lm2.19) Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq l-istess Royalty dovut bil-quddiem, in konnessjoni mal-licenzja Numru 010670 (Dok. A) rilaxjata mis-socjeta' attrici a favur tal-konvenut rigwardanti l-istabbiliment Café Du Brazil ghall-perijodu mis-6 ta' Ottubru, 2000, sal-5 ta' Ottubru, 2001.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-Avviz u tal-ittra legali tal-31 ta' Dicembru, 2000, u bl-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data tal-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda tal-P.L. Josette Attard, in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li

kkonfermat bil-gurament li l-ammont ghadu dovut lis-socjeta' attrici. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sittax il-lira Maltin u tmenin centezmu (Lm16.80), bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR